**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 001/2019**

3 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

## UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli ppresjeda l-laqgha fil-kwalita' tal-aktar Kunsillier li kien ilu jservi kontinwament fil-kariga u li jappartjeni lil dak il-partit jew organizzazzjoni li fl-aħħar Elezzjoni Lokali eleġġa il-maġġoranza tal- kunsilliera, u stiednet lill-Kummissarju tal-Ġustizzja sabiex jipproċedu.

### 01.1 Hatra ta' Sindku – Accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku;

01.1.1 Il-Kunsillier Alison Zerafa Civelli qrat u ffirmat l-gurament ta' Accettazzjoni ta' Hatra ta' Sindku tal-Lokalita' ta' Bormla fil-prezenza tal-kummissarju ghall-gustizzja Dr.Ian Micallef, illi ssejjah ghal din il-laqgha u giet iddikjarata Sindku ta' Bormla.

01.1.2 Is-Sindku Alison Zerafa Civelli hadet postha bhala Sindku tat-tmien legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Bormla u rringrazzja lill-membri prezenti.

### 01.2 Hatra ta' Vici-Sindku – Accettazzjoni tal-kariga ta' Vici-Sindku;

01.2.1 Il-Kunsillier Marco Agius qara u ffirma l-gurament ta' Accettazzjoni ta' Hatra ta' Vici-Sindku tal-Lokalita' ta' Bormla fil-prezenza tal-kummissarju ghall-gustizzja Dr.Ian Micallef, illi ssejjah ghal din il-laqgha u gie iddikjarat Vici-Sindku ta' Bormla.

02.2.2 Is-Sur Agius rringrazzja lill-membri prezenti.

### 01.3 Indirizz mis-Sindku

01.3.1 "Issa li l-formazzjoni tal-Kunsill Lokali hija ufficjalment maghrufa nistghu nghidu illi b'mod formali ser inkunu qieghdin naghtu bidu ghal hames snin ohra ta' hidma ghall-gid ta' beltna u l-komunita', hidma li ghandha twassal sabiex fi tmiem il-legislatura inharsu lura b'sodisfazzjon lejn ix-xoghol li nkunu wettaqna.

Qabel xejn pero' ippertmettuli sabiex niehu l-opportunita' li nirringrazzja lill-membri tal-legislatura precedenti li ghal ragunijiet varji ma kkontestawx l-elezzjoniijiet. Ma ghandix dubju mill-validita' taghhom u l-kontribut siewi li taw lill-Kunsill Lokali matul is-snin. Nixtieq ukoll nuri l-apprezzament u nirringrazzja lill-kandidati kollha li kkontestaw l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali u li ma gewx eletti. Personalment nemmen illi kulhadd ghandu x'joffri, u pubblikament nistedinhom sabiex minkejja li forsi ma kisbux ir-rizultati mixtieqa, javvicinaw u jahdmu id f'id mal-Kunsill Lokali. Nifrah ukoll lill-membri tal-Kunsill Lokali illi kienu parti mis-seba' legislatura u li regghu ikkontestaw l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali. Kien ta' sodisfazzjon ninnota illi l-membri tal-legislatura precedenti li kkontestaw l-elezzjoni kollha kisbu rizultati soddisfacenti. Dan ifisser illi l-elettorat ghandu fiducja fil-programm ta' hidma tal-Kunsill Lokali u permezz tal-vot tieghu ta mandat car sabiex ma nibdlux id-direzzjoni u nkomplu fejn hallejna permezz tal-legislatura precedenti. Naturalment, naghti merhba lill-membri godda tal-Kunsill Lokali u nawguralhom hidma fejjieda matul il-legislatura.

Bhalma ghamilt fis-snin imghoddija inheggigkom sabiex tkunu razzjonali u tiftakru illi kull azzjoni li nwettqu, ser inkunu qieghdin inwettquha f'isem il-Kunsill Lokali. Ghaldaqstant, ghemilna jaffettwa b'mod dirett il-vizjoni ta' kif terzi jharsu lejn il-Kunsill Lokali u ghandna noqghodu ferm attenti li dak li nwettqu jkun konformi mal-parametri legali li ahna obbligati nahdmu fihom u fi hdan il-policies li jkun adotta l-Kunsill Lokali.

Wiehed mill-pilastri ghas-success ta' kull entita' hija fl-opinjoni tieghi, l-ghaqda u s-sinergija bejn il-membri li jiffurmaw parti minnha. Dan huwa kuncett li nhaddan u nemmen fih bis-shih. Min-naha tieghi inwieghed illi ser naghmel dak kollu possibbli sabiex nara illi l-organi kollha tal-Kunsill Lokali ikunu qieghdin jahdmu b'sinergija u jkun hemm kollaborazzjoni shiha bejn il-membri kollha tal-Kunsill kemm jekk inhu bejn il-membri politici, kif ukoll dawk amministrattivi u l-haddiema manwali. Inheggigkom biex kulhadd jahdem fil-qasam li fi ftit tal-hin ser inkun qieghed nassenjalu u jikkonsulta fejn ihoss li jkollu dubji. Ghandna nkunu umli bizzejjed li nitolbu pariri u naccettaw il-fatt illi dak li nkunu nixtiequ mhux dejjem ikun possibbli jsehh.

Naghlaq billi ninfurmakom illi fi ftit tal-granet ohra ser tinzamm l-ewwel attivita' li permezz taghha ser niltaqghu mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali f'ambjent differenti bil-ghan illi niggwidaw lill-membri l-godda dwar l-operat tal-Kunsill Lokali, u flimkien insejsu u niddiskutu l-possibilitajiet ta' kif nistghu nsahhu it-tajjeb li kien hemm u nimmeljoraw fejn forsi hemm xi nuqqasijiet."

## 01.4 Qbil dwar il-gurnata u l-hin tal-laqghat

01.4.1 Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi s-seduti tal-Kunsill Lokali kellhom jibdew jinzammu nhar ta' Erbgha. Is-seduti kellhom jibdew gfil-5:30p.m.

## 01.5 Assenjar ta' Responsabilitajiet u Delegi lill-Kunsilliera

01.5.1 Is-Sindku qalet illi kienet iltaqghet jew kelli diskussjonijiet mal-membri eletti tal-Kunsill Lokali kollha. Dan bil-ghan illi tiddiskuti maghhom il-pjan taghha ghall-futur ta' Bormla u kif kull membru jista' jikkontribwixxi permezz ta' hidmietu fil-qasam li l-aktar ihossu validu fih. Wara li evalwat dak li kellhom xi jghidu kienet waslet ghall-konkluzjonijiet illi r-responsabilitajiet ghat-tmien legislatura kellhom ikunu mqassma kif gej

**Alison Zerafa Civelli - Sindku**

- Ambjent, Infrastruttura u Progetti
- Integrazzjoni Socjali
- Anzjani

**Marco Agius**
- Kultura
- Komunitajiet
- Jum Bormla

**Noyah Spiteri Hammett**
- Zghazagh u Tfal
- EU Affairs

**Johann Scerri**
- Innovazzjoni u Attivitajiet
- Komunita kummercjali

**Martin Vella**
- Sports u attivitajiet fizici
- Ordni pubblika u immaniggjar tat-traffiku

**James Cauchi**
- Edukazzjoni
- Harsien tal-annimali

**Melanie Agius Attard**
- Sahha u persuni bi bzonnijiet specjali
- Qasam Socjali

01.6 **Aggornament**

01.6.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fis-6:35 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 24 ta' Lulju 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 24 ta' Lulju, 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |